**31 ta' Lulju, 1996**

**Imħallef:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino, B.A.(Hons.), LL.D. - President**

Anthony Ventura għan-nom u in rappreżentanza tal-Korporazzjoni Enemalta

*versus*

Raymond Galea u Louis Brincat kjamat in kawża b'digriet tal-Qorti tat-18 ta' Novembru, 1993

**Danni - Relazzjoni Ġuridika - Relazzjoni Naxxenti *Ex Delictu Vel Quasi Delictu***

*Il-Korporazzjoni attriċi aġiet biex tirkupra danni f'*cable.

*Il-Qorti ta' l-Appell irriformat is-sentenza ta' l-Ewwel Qorti billi apporzjonat ir-responsabbilita` bejn il-konvenut u l-kjamat fil-kawża.*

**Il-Qorti:-**

F'din il-kawża l-Korporazzjoni Enemalta qed taġixxi kontra l-konvenut għal danni li soffriet f'*cable* tad-dawl li għandha fi Triq il-Maħsel, il-Bajja ta' San Tumas, Żejtun waqt li dan kien qed jagħmel xogħol ta' skavar fuq istruzzjonijiet ta' Louis Brincat li inkarigah jesegwihom u li hu l-proprjetarju tal-*plot* fejn sar ix-xogħol. Dan Brincat ġie msejjaħ fil-kawża ad istanza tal-konvenut. Din hi s-sentenza appellata mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta);

"Rat l-avviż ippreżentat mill-attur *noe* fil-5 ta' Awissu, 1993 fejn talab *lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenuti li* jħallsu lill-attur is-somma ta' Lm205.07,8 (mitejn u ħames liri u seba' ċenteżmi u tmien milleżmi) in linea ta' ħsarat ikkawżati mill-konvenuti fuq proprjeta` tal-Korporazzjoni f'Triq il-Maħsel, il-Bajja ta' San Tumas, Żejtun fis-6 ta' Lulju, 1993 liema ħsarat ġrat unikament minħabba imperizja u traskuraġni *da parte ta' l-istess konvenuti;*

Bl-ispejjeż inklużi dawk ta' l-ittra interpellatorja tat-13 ta' April, 1993 u ta' l-ittra uffiċjali ta' l-14 ta' Ġunju, 1993 u bl-interessi mid-data ta' l-imsemmija ittra uffiċjali. Il-konvenuti ġew inġunti għas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eċċeżżjonijiet tal-konvenut fejn eċċepixxa illi t-talba attriċi għandha tiġi respinta bl-ispejjeż stante li hija infondata fil-fatt u fid-dritt għar-raġunijiet segwenti:

Illi mhuwiex minnu li l-esponenti għandu jagħti xi ammont ta' flus lill-attur *nomine* hekk *kif ser ikun* ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

Illi l-esponenti qiegħed kontestwalment jagħmel talba għall-kjamata fil-kawża ta' Louis Brincat illi għandu jirrispondi għall-pretensjonijiet attriċi għar-raġunijiet li jissemmew fir-rikors;

Rat id-digriet tagħha tat-18 ta' Novembru, 1993 fejn fuq rikors tal-konvenut, ordnat il-kjamat fil-kawża ta' Louis Brincat;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-kjamat in kawża Louis Brincat fejn eċċepixxa illi t-talba attriċi għandha tiġi respinta bl-ispejjeż stante li huma infondati fil-fatt u fid-dritt għar-

raġunijiet segwenti:

Illi mhuwiex minnu li l-esponenti għandu jagħti xi ammont ta' flus lill-attur *nomine* kif qed ikun pretiż fl-avviż fl-ismijiet premessi;

Illi l-esponenti ma jaħtiex għal kwalsiasi ħsara li setgħet saret fil-proprjeta` ta' l-attur *nomine* stante li kienu l-istess *impjegati* ta' l-attur *nomine* li dderiġew l-esekuzzjoni tax-xogħllijiet fil-proprjeta` tiegħu u tawh l-aċċertazzjoni li fl-istess proprejta` ma kinux għaddejjin *cables* li setgħu jsirilhom ħsara;

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawża tirrigwarda ħsarat ikkawżati f'*cable* ta' l-elettriku waqt xogħol ta' tħammil li kien qed isir minn iben il-konvenut Donald Galea fi plot, proprjeta` tal-kjamat in kawża Louis Brincat;

Irriżulta mill-provi illi meta Brincat xtara l-art li kienet biswit sqaq ġie informat li ġo dan l-istess sqaq kien hemm *cable* ta' l-elettriku u avża b'dan lill-konvenut li ġie mqabbad minn Brincat biex iħammel l-art li xtara. Jidher li la Brincat u lanqas Galea ma avżaw lil Enemalta li kienu sejrin jagħmlu dawn ix-xogħlijiet għad li dana kien obbligu ta' Brincat li jinfurmahom. Donald Galea beda jħammel il-plot u ħin minnhom sema' splużjoni u nduna li laqat il-*cable*. Irriżulta li parti minn dan il-*cable* kien għaddej minn ġo l-art ta' brincat peress li l-isqaq ma

tinissx;

Ikkunsidrat:

Il-Qorti jidhrilha li ġaladarba Brincat kien jaf li viċin il-plot tiegħu kien għaddej *cable* ta' l-elettriku taħt l-art, kien fid-dover li javża lill-Enemalta bix-xogħlijiet li kien bi ħsiebu jagħmel. L-Enemalta mhix temita tippubblika l-pjanti ta' kif u fejn għaddejjin il-*cables* tagħha u kulħadd huwa fl-obbligu li jagħmel il-verifiki neċessarji biex jassigura li ma ssirx ħsara u aktar li ma jiġux ikkawżati feriti lill-terzi. Donald Galea kien verament fortunat li ma ġralu xejn f'dan l-inċident li llimita ruħu għal danni materjali li għalihom il-Qorti jidhrilha li għandu jkun responsabbli il-kjamat in kawża Brincat. L-obbligu tar-riċerka u debita avviżi kien dak iż-żmien fuqu li ma jistax jaħrab minn din ir-responsabbilita` billi jgħid li sa fejn jaf hu, l-*cable* kellu jkun fl-isqaq u mhux fil-*plot*. Minn imkien ma rriżulta li dan il-*cable* bilfors kellu jkun fl-isqaq u seta' faċilment ġie *rerouted* għal aktar konvenjenza biex parti minnu jgħaddi mill-*plot* tal-kjamat in kawża. Wara kollox lanqas ma jista' jingħad li l-pjanti huma assolutament perfetti u xi ftit varjazzjonijiet wieħed għandu jippretendi u jistenna. Brincat naqas meta ma talbux l-assistenza ta' l-Enemalta meta ordna li jitħammel il-*plot* u ta' dan in-nuqqas hu biss responsabbli u ħadd aktar u ta' dan għandu jwieġeb;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti wara li qieset iċ-ċirkostanzi kollha ta' dan il-każ, taqta' u tiddeċidi billi tilqa' t-talba ta' l-attur u tikkundanna lill-kjamat in kawża Louis Brincat li jħallas lill-attur *nomine* is-somma ta' Lm205.07,8 in linea ta' ħsarat ikkawżati minnu fuq proprjeta` tal-Korporazzjoni fi Triq il-Maħsel, il-Bajja ta' San Tumas, Żejtun, fis-6 ta' Lulju, 1992 liema ħsarat ġraw unikament minħabba imperizja u traskuraġni da parte tal-kjamat in kawża Brincat. Bl-

ispejjeż kontra l-istess kjamat in kawża";

Appella minn din is-sentenza il-kjamat fil-kawża Brincat li ġie akkollat bir-responsabbilita` sħiħa għad-danni reklamati mill-korporazzjoni attriċi. L-aggravji tiegħu jistgħu jiġu hekk identifikati:

Li l-Ewwel Qorti ma kkunsidratx l-eċċezzjoni ulterjuri tiegħu illi:

Hu ma kellu l-ebda relazzjoni ġuridika mal-Korporazzjoni attriċi;

Li hu kien inkariga lill-konvenut biex iħammel il-*plot* iżda ma tah l-ebda garanzija li fil-*plot* kienu għaddejjin il-*cables*;

Li hu qatt ma kellu l-ebda garanzija mingħand l-impjegati ta' l-attur *nomine* illi ma kinux għaddejjin *cables* mill-art tiegħu;

Li hu jista' jinstab responsabbli biss jekk ikun naqas li jagħmel xi ħaġa li biha jikser xi dmir impost mil-liġi u minn imkien fil-proċess jew fis-sentenza ma tirriżulta xi liġi li kienet timponi xi obbligu fuqu;

Li hu mexa b'mod responsabbli meta nforma lill-konvenut li fit-triq kien għaddej *cable*. Informazzjoni li kienet korretta waqt li ma kinitx korretta l-informazzjoni li kien hemm fil-pjanti tad-dipartiment konċernat;

Bla preġudizzju għal dan kollu anke jekk il-konsiderazzjonijiet ta' l-Ewwel Qorti kellhom jiġu aċċettati bħala korretti il-konvenut ukoll kien rsponsabbli għall-akkadut

billi qatt ma kien messu beda x-xogħol "jekk ma kienx żgur li l-kjamat fil-kawża kellu l-permessi jew awtorizzazzjoni meħtieġa mid-dipartiment konċernat";

Mill-aggravji tal-kjamat fil-kawża hu l-aħħar wieħed li jistħoqqlu li jiġi kkunsidrat favorevolment. Il-Qorti tqis is-segwenti:

Indubbjament il-Korporazzjoni attriċi ma jista' jkollha l-ebda responsabbilita` diretta għad-danni li hi stess soffriet fil-proprjeta` tagħha. Hi ċertament ma kellha l-ebda interessament fix-xogħol esegwit li ġie ordnat mill-kjamat in kawża u fiżikament esegwit mill-konvenut. Setgħa kellha responsabbilita` indiretta li kieku hi kienet ġiet interessata fil-proċessar taħ l-applikazzjoni li suppost kellha ssir qabel beda l-iskavar u li kieku hi kienet awtorizzat ix-xogħlijiet mingħajr id-debiti kawteli jew billi tat lil min esegwixxa x-xogħol informazzjoni skorretta. Il-kjamat fil-kawża jipprova jaddebita ukoll responsabbilita` *lill-Korproazzjoni attriċi għax seta' kien* hemm xi differenzi bejn dak li kienu juru l-pjanti tagħhom mnejn kien għaddej il-*cable* u minn fejn kien fil-fatt għaddej. Donnu hemm dubbju li waqt li skond il-pjanti l-*cable* suppost li kien għaddej kollu mill-isqaq li miegħu kien jikkonfina l-*plot* tal-kjamat fil-kawża seta' jkun illi xi parti minnu kien għaddej *mill-istess plot. Fuq dan il-provi mhumiex konklussivi* anke għaliex il-*foreman* u l-impjegati tal-Korporazzjoni aċċedew biss <u>wara</u> l-inċident meta irnexxilhom isibu fejn kien hemm il-ħsara u wara li allura kien sar diġa` tħaffir. Dan għaliex la l-konvenut u lanqas il-kjamat fil-kawża ma nfurmaw lill-Korporazzjoni bix-xogħlijiet tat-tħaffir li kienu qedgħin isiru minnhom. Fin-nuqqas ta' pre-avviż debitu tax-xogħlijiet illi l-kjamat fil-kawża ried jesegwixxi, il-Korporazzjoni attriċi neċessarjament trid titqies bħala li hi l-vittma ta' l-inċident li soffriet id-danni u li bl-ebda mod ma kkontribwiet bl-aġir tagħha għall-akkadut;

Il-kjamat fil-kawża hu s-sid tal-proprjeta` fejn sar it-tħaffir. Hu jsostni li m'għandu l-ebda *relazzjoni ġuridika* mal-Korporazzjoni attriċi. Żbaljat. Din ir-relazzjoni ġuridika toħroġ mill-obbligazzjoni li hu kellu bil-liġi u li ma osservax li għal kull tħaffir - anke fil-proprjeta` tiegħu - kellu jottjeni awtorizzazzjoni mill-awtorita` kompetenti. Ir-relazzjoni ġuridika infatti toħroġ mid-danni li avveraw ruħhom fil-proprjeta` ta' ħaddieħor u li għalihom hu responsabbli. Hi relazzjoni naxxenti *ex delictu vel quasi delictu*;

Il-kjamat fil-kawża jissottometti illi jista' jinstab responsabbli għal danni biss jekk ikun naqas li jagħmel xi ħaġa li biha jikser xi dmir impost fuqu mil-liġi. Dan id-dmir joħroġ kemm mil-liġijiet tal-Pulizija (Kap. 12), kemm mir-regolamenti li jkunu mposti mid-Direttur tax-Xogħlijiet Pubbliċi fuq min ikun irid jagħmel taħmil bħala parti mill-permessi meħtieġa kif ukoll mir-regoli ġenerali tad-dritt li wieħed ma jistax u m'għandux jaġixxi b'negliġenza jew traskuraġni b'mod li jikkaġuna danni fil-proprjeta` ta' ħaddieħor. L-artikolu 27 tal-Liġijiet tal-Pulizija jistipula illi "Ħadd ma jista' jibda jibni jew jagħmel tħaffir li jmiss mat-triq jew f'bogħod ta' ħmistax-il metru il-bogħod mit-triq mingħajr qabel ma jagħti avviż lid-Direttur tax-Xogħlijiet". Aktar u aktar ma jistax jagħmel dan f'każ li t-tħaffir kellu jkun fit-triq. "Ħadd ma jista' mingħajr il-permess tal-Pulizija jibni jew jagħmel ebda ħaġa fit-triq li tista' ġġib xkiel jew perikolu jew inkomdu lill-pubbliku ..." (artikolu 25). *F'kull każ hemm ir-regolamenti ċari li jispeċifikaw il-*kundizzjonijiet għall-għoti tal-permess li jsir it-tħaffir illi jipprovdu mhux biss li min jingħata l-permess ikun responsabbli għall-ħsarat kollha kkaġunati *lis-servizzi pubbliċi* bħala konsegwenza tax-xogħol esegwit imma illi:

Ix-xogħol għandu jsir taħt is-superviżjoni u *direzzjoni ta'* perit arkitett u;

*"A signed declaration of acceptance of this appointment must be forwarded by the Architect and Civil Engineer to the Roads Department before commencement*". Dan il-perit ikun responsabbli ukoll għad-direzzjoni tat-tiswijiet meħtieġa f'każ ta' ħsara. Inoltre *"plans must be drawn up for the proper diversion of any existing buried plant that may constitute an obstacle to or that may be damaged by the works. Such plans shall be to the full approval of the Utility owning the plant and any plant diversion shall be put into effect to the respective utilities requirements and specifications before the main works are commenced*";

Minn dan kollu l-kjamat fil-kawża *ex admissis* ma għamel xejn. Mhux biss kien hemm dubbju serju jekk il-*cable* kienx jew le għaddej minn ġot-triq jew il-ġewwa bi ftit fil-*plot* li akkwista imma hu xorta baqa' għaddej bix-xogħol bla ma vverifika jew assigura l-preżenza ta' uffiċjal tal-Korporazzjoni attriċi waqt li kien qed isir it-taħmil. Avolja kien ġie avżat mis-sid preċedenti ta' l-art bl-eżistenza ta' dan il-*cable* anke jekk skond il-kjamat fil-kawża dan kien qallu li kien għaddej mit-triq. Asserzjoni din stramba u ftit kredibbli għax mhux soltu li min ibigħ *plot* għall-bini iwissi lill-akkwirent bl-eżistenza ta' *cable* fit-triq pubblika meta din hi l-aktar ħaġa normali u naturali. Rilevanti ħafna din ix-xhieda tal-kjamat fil-kawża:

"Jiena kont kellimt lil sid il-post qabel ma xtrajt u dan qalli li kien hemm dan il-*cable* pero` qalli ukoll li kien għaddej mit-triq. Jien ma kontx naf li dan il-*cabel* kien qiegħed fil-*plot* ... Jiena qatt ma applikajt għal permess biex inkun nista' nħaffer il-*plot* tiegħi. Lil Enemalta jiena ma kontx infurmajthom li kont sejjer inħammel il-*plot*. Lanqas ma għidt lill-kuntrattur biex dan jinforma lil Enemalta rigward dan ix-xogħol illi konna qegħdin nagħmlu. Lanqas ma għidt lilu biex japplika għall-permess u jinforma lill-Pulizija. Jiena ma kontx mort l-uffiċini ta' l-Enemalta biex jgħiduli eżattament fejn kien għaddej dan il-

*cable*. Jiena qagħdt fuq dak li qalli s-sid illi dan il-*cable* ma kienx qiegħed fil-*plot*;

Deposizzjoni din kontradetta f'punt essenzjali mix-xhieda tal-konvenut li assigura illi:

"Qabel ma beda x-xogħol (il-kjamat fil-kawża) assigurah li huwa personalment mar jiċċekkja mal-Korporazzjoni illi fil-*plot* tiegħu ma kinux għaddejjin *cables*";

Rilevanti ukoll ix-xhieda tal-*foreman* tal-Korporazzjoni Enemalta li ma setax jeskludi li xi parti mill-*cable* setgħet kienet għaddejja mill-*plot* tal-kjamat fil-kawża:

"Hija proċedura normali illi meta jsir *excavation* u jintalab permess għal dan ikun hemm formola apposta illi l-pulizija jibagħtulna biex aħna nindikaw jekk kienx hemm xi *cable* f'dan il-*plot* fejn kienet ser issir dina l-*excavation*. F'dan il-każ jiena ċert li formola bħal din jew applikazzjoni simili ma ġietx";

"Naturalment din l-applikazzjoni timtela mis-sid. Meta jkollna din il-formola jew applikazzjoni aħna nibagħtu persuna *on site* biex jindika lil min ikun qiegħed jagħmel *excavation* fejn qiegħed il-*cable* jew liema partijiet minn dan l-*excavation* għandu jiġi evitat. F'dan il-każ partikolari ma bagħtnix raġel *on site* għaliex ma konnix nafu li qiegħda ssir tali *excavation*. Kwalunkwe *excavation* li ssir anke jekk issir f'proprjeta` privata trid bilfors tkun sanċita mid-dipartiment tiegħi. Dak iż-żmien li sar l-inċident kien is-sid li kellu jagħmel l-applikazzjoni. Illum il-proċedura nbidlet xi ftit u huwa l-kuntrattur li jagħmel l-applikazzjoni, pero` anke dak iż-żmien kieku għamilha l-kuntrattur konna naċċettawha";

Minn dan kollu għandha tkun ċara n-negliġenza u t-

traskuraġni tal-kjamat fil-kawża li naqas li josserva d-dettal tal-*liġi* u *tar-regolamenti biex ma ssirx ħsara fi proprjeta`* ta' ħaddieħor. Kif hu ċar ukoll illi l-kjamat fil-kawża seta' biss jeżimi ruħu mir-responsabbilita` għad-danni konsegwenzjali għax-xogħol minnu ordnat u esegwit skond l-istruzzjonijiet tiegħu billi aċċerta ruħu illi waqt ix-xogħol ikun hemm rappreżentant tal-Korporazzjoni attriċi wara li jkun ottjena l-permess meħtieġ mill-awtoritajiet kompetenti biex isir it-tħaffir. Dawn il-konsiderazzjonijiet kollha l-Qorti tagħmilhom in aġġunta ma' dawk tas-sentenza appellata li sabet il-kjamat fil-kawża unikament responsabbli għad-danni reklamati;

Mill-konsiderazzjonijiet sa hawn magħmula għandu jkun ukoll ovvju li anke l-konvenut pero` għandu jiġi ritenut responsabbli għall-akkadut u dana solidalment mal-kjamat fil-kawża għal dawn id-danni. Hu l-persuna li materjalment esegwixxa x-xogħlijiet fis-sit tal-kjamat fil-kawża. Hu jammetti li hu ukoll ma ħa l-ebda passi biex jaċċerta ruħu fejn qiegħed il-*cable*, li kien ukoll jaf bl-eżistenza tiegħu imma, żbaljatament, iddeċida li joqgħod fuq dak li qallu l-kjamat fil-kawża li kien fit-triq u mhux fil-*plot*. Il-konvenut kellu pero` d-dover li jaċċerta ruħu fejn verament kien il-*cable* qabel jibda x-xogħol;

Kellu l-obbligu li jivverifika li jew is-sid jew hu stess jottjeni l-permess ta' l-awtoritajiet kompetenti u ukoll li fuq is-*site* waqt ix-xogħol ta' tħaffir ikun hemm preżenti uffiċjal tal-Korporazzjoni attriċi biex jindikalhom kif u fejn seta' jħaffer. Jixhed il-konvenut:

"(is-sid) ma urinix permessi jew ma qalli xejn dwarhom ... Qalli li ma kienx jaf jekk kien hemm *cable*. Qalli <u>suppost</u> li dan il-*cable* <u>kellu jkun</u> barra t-triq pero` ġara li anke ġo dan il-*plot* kien hemm *cable*";

Hu jaċċetta li ma applikax għal permessi għax:

"Dak iż-żmien kien id-dover tas-sid li jagħmel l-applikazzjonijiet neċessarji". Ikompli "Jiena ġieli ħaffirt drabi oħra u dejjem kienet ir-responsabbilita` tas-sid li jġib il-permessi u meta jkun hemm dubbju dejjem jiġi xi raġel biex joqgħod magħna waqt li jkun qiegħed isir ix-xogħol bi pjanta ħalli ma nagħmlux ħsara lil *cable* jew apparat ieħor taħt l-art. Ġieli kelli okkażżjonijiet fejn sibt *cable* ġo *plot* privat. F'dan il-każ is-sid jgħidli li għandu dubbju u jkun hemm persuna preżenti biex tindikali dan il-*cable* fejn ikun";

Xhieda preċiża fir-rigward tal-proċedura li kellha ġustament tiġi segwita minn pesuna ta' esperjenza ta' dan ix-xogħol. Xhieda ukoll li turi li dubbju fejn kien il-*cable* kien hemm u li konsegwentement anke l-konvenut kellu l-obbligu li jaċċerta li mhux biss li jkun hemm permess ta' l-awtorita` kompetenti ħalli jsiru l-iskavi imma ukoll li qabel jibda jħaffer fil-*plot* viċin it-triq u anke fl-istess triq kellu jkun hemm uffiċjal tal-Korporazzjoni attriċi biex jassigurah li ma jkunx hemm xi riskju li jolqot il-*cable* kif fil-fatt ġara. Il-konvenut għandu allura jiġi ritenut responsabbli għall-inċident mal-kjamat fil-kawża u dan solidalment miegħu billi t-tnejn ikkontribwew għall-inċident f'miżura indaqs. Hekk għandha tiġi riformata s-sentenza appellata;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċidi billi tilqa' l-appell fis-sens li tirriforma s-sentenza appellata billi tiddikjara illi l-inċident meritu tal-kawża ma ġarax unikament bi ħtija tal-kjamat fil-kawża imma bi ħtija tiegħu u tal-konvenut fi kwoti indaqs bejniethom u konsegwentement huma għandhom jiġu ritenuti solidalment responsabbli bejniethom għall-istess inċident u għad-danni konsegwenzjali. Tikkundanna għalhekk il-kjamat fil-kawża u lill-konvenut li jħallsu lill-attur *nomine*

solidalment bejniethom is-somma ta' Lm205.07,8 in linea ta' ħsarat ikkaġunati fl-inċident imsemmi fl-avviż. L-ispejjeż taż-żewġ istanzi għandhom jiġu sopportati bin-nofs bejn il-kjamat fil-kawża u l-konvenut u anke f'dan ir-rigward is-sentenza appellata qed tiġi *riformata*.